# MALTA MISSJUNARJA – IT-12-IL PARTI



Il-'ħabib' tar-rivista u l-abbonati tagħha

## Inkomplu naqraw mill-imgħoddi

F'MM ta' Novembru 1950 (Sena XVIII, nru 11, p.171) deher avviż fejn il-'ħabib', wara li jirringrazzja lill-abbonati kollha, jgħid hekk: "Issa waslet is-Sena l-Ġdida! Imma ma rridkomx tinsew li l-ħbieb tagħkom, il-qraba, xi filjozz ukoll (u l-filjozzi tinsewhomx), ikunu jistennew l-Istrina." Iżid jgħid: "Tridu tolqtu żewġ għasafar b'ġebla waħda? Ibagħtu l-isem u l-indirizz tal-ħabib, qarib jew filjozz tagħkom, flimkien ma' 2s.6d, anki bolli ġodda, u inti tassiguralu sena sħiħa tat-12-il kopja tal-'MALTA MISSJUNARJA' kollha tagħrif, rakkonti, stampi u varjetà. B'hekk ukoll tkunu qegħdin tgħinu lill-Missjoni."

Bejn l-**1952-56**, DAX kompla jagħtina aktar xogħlijiet letterarji, fosthom novelli missjunarji ta' xeħta orjentali: *Dak id-Dawl fil-Qalba tal-Lejl* [taħt il-psewdonimu 'Sciant'] (Sena XX, Marzu 1952, nru 3, pp.39-40); Ħniena (Sena XX, Marzu 1952, nru 3, pp.39-40) [minn issa 'l quddiem, l-awtur jagħżel li xogħlijietu jibda jniżżilhom taħt ismu proprju: D.A. Xiberras]; *Qalb ir-Ramel tad-Deżert* (Sena XX, Ottubru 1952, nru 10, pp.155-6); *Milied fuq il-Fruntiera Ħamra* (Sena XX, Diċembru 1952, nru 12, pp.186-7) [Dwar din in-novella m'hemm xejn x'juri li hi tiegħu għax ma ġġibx ismu bħas-soltu; biss DAX għandu djalogu *Milied Mingħajr Alla* li jixbahha wisq f'dik li hi storja]; *Għada Kif Titla' x-Xemx* (Sena XXI, Diċembru 1953, nru 12, pp.187-8).

Fl-1952 DAX ippreżentalna wkoll żewġ radjudrammi: *Sehem Ċkejken* (Sena XX, Lulju 1952, nru 7, pp.105-8/112). [Qabel ma deher fir-rivista, dan kien ġa nħadem fuq ir-Rediffusion waqt is-*Siegħa tal-Morda*, nhar il-Ħadd, 25 ta' Mejju tal-istess sena, fl-okkażjoni ta' *Jum il-Morda għall-Missjoni*. Jinkludi ħames xeni, u minbarra n-narratur, fih jieħdu sehem missier, tabib, Giovanna, Patri Salv u Ġanninu. L-ewwel xena tiftaħ bin-narratur jirrakkonta: *Maġenb is-sodda ta' bintu marida, wieħed missier qiegħed jgħaddi sigħat ta' niket. Min jaf x'se jkun ir-riżultat tat-tfittxija tat-tobba? Huwa kien kellem kemm-il wieħed. Quddiem is-sodda ta' bintu kulħadd kien iċaqlaq rasu bla ma jagħti tweġiba.*]; *It-Triq tat-Tama* (Sena XX, Awwissu 1952, nru 8, pp.119-122) [Dan ukoll kien ittella' fuq ir-Rediffusion, il-Ħadd, 14 t'Ottubru 1951, bi tħejjija għall-Ġurnata Missjunarja. Tajjeb ngħidu hawnhekk, li f'p.116 tal-istess rivista kien deher riklam fejn jgħid li l-Opri Missjunarji Pontifiċji



Dun Anton Xiberras – missjunarju anki permezz tal-kitba letterarja.

kienu qed jippreżentaw lill-pubbliku t-tliet buzzetti fi ktieb wieħed – *Sehem Ċkejken*, *It-Triq tat-Tama*, u *Il-Messaġġ tal-Lum*. L-istess riklam ikompli jgħarrafna li dan il-ktieb: 'għandu jinteressa lil kulħadd, li jbikki, li għall-inqas għal ħin ta' nofs siegħa waqt li qed taqrah iġagħlek tħoss hena kbir ġo qalbek.' Skont l-istess riklam: 'L-awtur huwa mill-ġdid: Dun Anton Xiberras.' Il-karattri li jieħdu sehem fih, minbarra s-soltu narratur, huma l-missier, il-kappillan u l-qaddej, kif ukoll Marija u Rajmondu.]

Aktar xogħlijiet letterarji t'awturi diversi jinkludu: *"Nistenniek"* (Sena XX, Marzu 1952, nru 3, p.41), poeżija b'10 strofi endekasillabi, datata 17 ta' Jannar 1952, tas-Sem. Karmenu Cutajar, iddedikata lil "Ġużi Briffa, sieħbi fis-Seminarju, li mar għall-Missjoni fl-Indja fis-6 ta' Frar 1952"; *Awl il-Lejl tat-Tluq Tiegħi* (Sena XX, Awwissu 1952, nru 8, pp.117-8), poeżija ta' Mitte Me [psewdonimu], iddedikata lil A.G.; *Tislima lill-Missjunarju* (Sena XXIII, Lulju 1955, nru 7, 132), versi ta' Francis Mifsud. Tista' titkanta



Id-disinn huwa ta' Emvin Cremona. Baqa' jidher sal-ħarġa ta' Frar 1954

fuq *Buongiorno Tristezza*, kanzunetta semi-operistika mgħanna mit-tenur wisq popolari Taljan Claudio Villa (1926-1987). Ritornell: *Minn qalbi nsellimlek / Għaliex narak tant mimli bi qdusija / Lill-art tiegħek tiċħad / Sabiex int tmur f'art oħra barranija / Minn qalbi nsellimlek / Għaliex narak tant mimli bi qlubija / U moħħok biss jaħseb / Kemm sejjer teħles nies minn tant tbatija / Hemm narak*; *Versi* (Sena XXIV, Mejju 1956, nru 5, p.74), poeżija ta' Manwel Cassar, miktuba t-Tnejn, 27-XI-1950 waqt is-smigħ ta' recording tal-funzjoni tat-tluq ta' żewġ Ġiżwiti għall-Missjoni. Fiha erba' strofi endekasillabi u rima abċb; *Malta Missjunarja* (Sena XXIV, Lulju 1956, nru 7, p.106), Sunett Shakespearjan ta' Anth. V. Said Pullicino, Seminarista; *Sejjaħlu!* (Sena XXIV, Diċembru 1956, nru 12, p.189), poeżija ta' Victor Cilia, b'ħames strofi endekasillabi bi tliet vrus-il waħda. F'dan il-perijodu nsibu wkoll ħafna poeżiji tal-awtur prolifiku u poeta Senglean Dun Angelo Copperstone (1888-1960) u ta' Gaspare Pace, qabbiel magħruf sew mas-Siġġiwin.

Angelo Copperstone: *San Pietru Appostlu Prinċep tal-Missjunarji* (Sena XX, Awwissu 1952, nru 8, p.124), b'seba' strofi senarji u rima aabb; *1565* (Sena XX, Settembru 1952, nru 9, 138), b'seba' strofi settenarji ta' sitt ivrus-il waħda u rima ababċċ; *Is-Sultana tal-Missjoni fit-Tlugħ Glorjuż* (Sena XXI, Awwissu 1953, nru 8, p.114), bi 11-il strofa settenarja u rima aabb; *Marija! Marija!* (Sena XXII, Diċembru 1954, nru 12, p.180), b'erba' strofi settenarji b'sitt ivrus-il waħda u rima ababċċ. Il-poeżija l-oħra *Agħmilni Den* (Sena XXII, Marzu 1954, nru 3, p.34), bl-inizjali C.A., b'ħames strofi ottonarji u rima abċb, tista' tkun tiegħu wkoll.

Gaspare Pace[1]: *Saċerdot* (Sena ▶

[1] Skont Joseph Schembri: 'Għalkemm Gaspare ma kienx ta' skola kbira, kien bniedem li minn ġuf ommu twieled poeta, u rnexxielu, b'ħafna qari ta' kotba, jagħmel minnu nnifsu poeta tajjeb u t'għożża.' (Siġġiewi Album: San Nicolò Magno – Poeżija ta' Gaspare Pace miktuba u mxandra fl-1949).

XX, Settembru 1952, nru 9, 138), b'10 strofi dekasillabi u rima abċċ; *Ġesù Kristu Bniedem u Alla* (Sena XXI, Jannar 1953, nru 1, p.8), datata 8 ta' Diċembru 1952, bi 12-il strofa dekasillabi u rima abċb; *Sbuħija fil-Hena w in-Niket* (Sena XXII, Marzu 1954, nru 3, p.38), datata 20 ta' Settembru 1953, b'14-il strofa endekasillaba u rima abċb; *Esseri ta' Kbir Għaġeb* (Sena XXIII, Jannar 1955, nru 1, p.2), bid-data tal-ewwel t'Ottubru '54, b'10 strofi endekasillabi u rima abċb; *Minn Luċifru Sar Xitan Ikeskes* (Sena XXIII, Lulju 1955, nru 7, p.102), datata 30.5.55, b'għaxar strofi endekasillabi b'sitt ivrus-il waħda u rima abċbdb; *Ftit mill-Bosta: F'dil-art la tifraħx biex fl-oħra ma tagħlix* (Sena XXIV, April 1956, nru 4, p.58), datata 15.11.55, bi 12-il strofa endekasillaba u rima abċb.

Mill-banda l-oħra, f'*Uffiċċju Ċkejken Qalb Kbira!* (Sena XXI, April 1953, nru 4, pp.49-50) Mons. Anton Cilia (1910-79) jgħarrafna bil-laqgħa tal-5 ta' Lulju 1934 li kellu mal-Profs. Mons. Carmelo Zammit (1882-1934), li dak iż-żmien kien direttur djoċesan tal-Opri Missjunarji Pontifiċji f'Malta, fejn ħareġ bl-idea li hu u sħabu s-seminaristi xtaqu jaraw il-ħidma missjunarja tiġi organizzata sewwa f'Malta, li tintalab l-kmajra li kien hemm fit-taraġ fejn qabel kien jitmexxa l-ġurnal Kattoliku, biex minflok tibda sservi t'Uffiċċju Missjunarju tant bżonnjuż għal pajjiżna. Iżda sfortunatament, Mons. Zammit miet l-għada stess. Kien biss xahrejn wara li dan l-uffiċċju nfetaħ u beda jaħdem regolarment taħt id-Direttur Djoċesan il-ġdid, Mons. Lwiġi Catania



Mons. Anton Cilia (1910-1979) – Direttur Nazzjonali tal-OMP f'Malta

(1898-1943). Grazzi għall-ftuħ tiegħu, l-OMP tal-Propagazzjoni tal-Fidi, tas-Santa Infanzja u tal-Kleru Indiġenu, ħadu spinta kbira 'l quddiem. L-istess seta' jingħad għall-Ġurnata Missjunarja u l-ħafna ħidmiet oħrajn tal-OMP ta' matul is-sena peress li dawn beda jkollhom organizzazzjoni wisq aktar soda, grazzi għall-istess uffiċċju.

Maż-żmien kulħadd sar jaf u dara l-Uffiċċju Missjunarju. Min beda jmur biex jikkunsinnja l-offerti li jinġabru mill-parroċċa tiegħu għall-Opri, min biex jgħid bl-inizjattivi sbieħ tiegħu, u min bil-kontra, biex jgħarraf bit-tfixkil li xi drabi kien jiltaqa' miegħu f'ħidmietu għall-Opri jew għall-MM. Dan kollu minbarra l-gzuz t'ittri li ta' kuljum bdew jaslu mingħand iż-żgħar u l-kbar, ilkoll mixgħulin b'ħeġġa sabiħa għall-Missjoni. L-uffiċċju kien jieħu gost jilqa' wkoll l-adottanti tas-Seminaristi Indiġeni u benefatturi oħrajn, antiki u ġodda, tal-Opri. Dawn kienu jiġu minn kull rokna Maltija u wieħed kien jibqa' mistagħġeb kif kien jirnexxilhom isibuh. Madankollu, l-uffiċċju kien jgħin u jinkoraġġixxi diversi Movimenti Missjunarji, fosthom dawk tal-Istudenti, tal-Għalliema u tal-Klassi Intellettwali. U għad li kien fuq fomm kulħadd minħabba ċkunitu, kull min żaru dejjem sab tħabbat qalb kbira mimlija bir-rikonoxxenzi ta' min kien jaħdem fih, tal-Papa u saħansitra tal-Missjunarji kollha. ■